MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 588/2013

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu nhar il-wiehed u tletin (31) ta’ Ottubru tas-sena elf, disa mija u hamsa u disghin (1995) u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom numru wiehed, disa`, tlieta, sitta (1936) hawn anness u mmarkat bhala Dok CS1;

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Rachel Mallia fit-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u disgha (2009) hawn anness u mmarkat bhala Dok CS2;

Illi frott ta' dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal u cioe' Lilli llum il-gurnata ghandu sbatax (17) il-sena u I illi llum il-gurnata ghandu hdax (11) il-sena;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar minn erba'(4) snin;

Illi r-rikorrent jiddikjara li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet reciproci dwar manteniment;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi llum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmi jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civil, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

Illi, preliminarjament, kujom l-intimata m'ghadux "Fiorini", izda llum ggib il-kunjom "Bonello" u ghaldaqstant ir-rikors promotur tal-esponent irid jigi korrett.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti taqbel ma' dak espost mir-rikorrent fir-rikors tieghu bhala fatti.

Illi, tikkonferma ukoll li m'hemmx cans ta' rikonciljazzjoni.

Illi, tikkonferma ukoll li l-manteniment qed jithallas regolarment.

Illi, effettivament, l-esponenti mhux qed toggezzjona li jinghata dan id-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Dicembru, 2013;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta’ Marzu 2009;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------